**3 ta' Ġunju, 1963**

**Imħallfin:—**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.**
**Onor. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Emma mart Giuseppe Xuereb

*versus*

L-istess Giuseppe Xuereb

**Miżżewġin — Separazzjoni di Fatto — Alimenti**

*Skond l-art. 3 (2) tal-Kodiċi Ċivili r-raġel hu obbligat imantni lill-martu skond il-mezzi u l-kondizzjonijiet tiegħu. Dan l-obbligu tiegħu ma hu bl-ebda mod modifikat jew imnaqqas bil-fatt tas-separazzjoni di fatto bejnu u bejn martu indotta unikament mill-abbandun arbitrarju tiegħu.*

*Fis-sistema tal-komunjoni ta' l-akkwisti, kif dixxiplinat fil-liġi tagħna, il-frutti tal-beni partikolari ta' kull wieħed mill-miżżewġin, salvi eċċezzjonijiet, jaqgħu fil-komunjoni tal-akkwisti, u kap ta' dan hu r-raġel.*

*Il-kalkolu ta' l-alimenti li għandhom jitħallsu lill-mara għandu isir fuq it-total tal-mezzi li jistgħu jissejħu legalment tar-raġel.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih l-attriċi ware li ppremettiet illi hi żżewġet lill-imsemmi Guseppe Xuereb l-konvenut fid-29 ta' Lulju, 1959; illi dik in-nhar stess waqt li kienu fil-lukanda tas-Sliema, ulied l-imsemmi żewġha mill-

ewwel żwieġ tiegħu ġew għalih u huwa mar magħhom u ħallieha fil-lukanda bla flus; Talbet illi, premessi d-dikjarazzjonijiet opportuni u mogħtija l-provvedimenti meħtieġa, l-konvenut jiġi kkundannat li jissomministralha pensjoni alimentarja bir-rata, fil-ħin u fil-post li jiġi ordnat mill-Qorti bl-ispejjeż.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha allega illi hu qatt ma ċaħad li jissomministra l-alimenti lill-attriċi, anzi qed isir ftehim bejn il-kontendenti li jmorru jgħixu flimkien.

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti ta' l-20 ta' Frar, 1963 li biha ddeċidiet skond id-domanda, billi kkundannat lill-konvenut jissomministra lill-attriċi l-pensjoni alimentarja ta' tlettax il-xelin u sitt soldi (13s.6d.) kuljum, pagabbli settimanalment u bl-antiċipat fir-residenza jew domiċilju tagħha kull nhar ta' Erbgħa, b'bidu mid-data tas-sentenza. L-ispejjeż iħallashom il-konvenut — wara li kkunsidrat:—

Illi jirriżulta li l-kontendenti meta kienu t-tnejn ġa romol u kellhom tfal ta' eta maġġuri, iżżewġu fid-29 ta' Lulju, 1959, u li dak in-nhar stess li ġie ċelebrat dan iż-żwieġ il-konvenut ġie meħud minn uliedu; hu mar magħhom, u lill-attriċi abbandunaha. L-attriċi dejjem wriet ruħha pronta li ssegwi u tmur tgħix ma' żewġha kull fejn irid, anke l-Mellieħa, fejn hu joqgħod għalkemm hemmhekk joqgħodu wliedu li huma sew jidhru avversi għaliha; imma l-konvenut jgħid li jsib diffikolta li jgħix ma' l-attriċi tant fid-dar tagħha kemm f'daru minħabba l-kwistjonijiet ma' uliedu;

Illi mill-premess isegwi li l-konvenut huwa fl-obbligu li jmantni l-martu. Infatti, skond il-liġi r-raġel huwa obbligat

li jmantni lill-martu, u dan l-obbligu ma' jispiċċax ħlief meta martu titlaq minn dar żewġha mingħajr raġuni ġusta u mingħajr raġuni ġusta tirrifjuta terġa' tmur ma' żewġha, u meta l-mara tiġi dikjarata dekaduta mid-dritt li titlob il-manteniment lil żewġha bħala konsegwenza ta' separazzjoni personali; u fil-każ in disamina l-attriċi ma ġietx dikjarata dekaduta minn dan id-dritt u lanqas setgħet tiġi hekk dikjarata għaliex ma jirriżultax li l-konvenut qatt għamel xi kawża ta' separazzjoni fejn l-attriċi ġiet dikjarata dekaduta middritt għall-alimenti; l-attriċi lanqas ma' abbandonat id-dar ta' żewġha, anzi hi trid tmur toqgħod miegħu; huwa l-konvenut li ma jridx lil martu f'daru. Dan il-kontenn tal-konvenut huwa biżżejjed, anke waħdu, biex jiġġustifika l-fatt li l-attriċi titlob l-alimenti mingħandu waqt li qegħda toqgħod mifruda minnu. (Vol. XXIV. ii. 428).

Illi malgrado li l-konvenut għall-ewwel irrikonoxxa l-obbligu tiegħu li jmantni lill-attriċi, billi eċċepixxa li hu qatt ma ċaħad jissomministra l-alimenti lill-martu, fid-dibattitu orali hu ssottometta li ma għandu jagħti ebda manteniment lill-attriċi għaliex hi għandha biżżejjed mezzi proprji biex tgħix; u effettivament ġie pruvat li l-attriċi mill-immobili u kapitali ddaħħal xi erbgħa mija u erbgħa u tlettin lira (£434) fis-sena. Din is-sottomissjoni pero mhiex sostenibbili, għaliex a parti li wara illi mis-somma msemmija titnaqqas dik, għalkemm ma tidherx daqs kemm tindikaha l-attriċi, li din trid tiżborża, almenu, għall-bżonnijiet tagħha lill-attriċi ma jibqgħaliex biżżejjed fil-kondizzjoni soċjali tagħha biex tgħix. huwa risaput li sakemm ma jkunx hemm ċirkostanzi oħra, bħal kawża ta separazzjoni personali, l-alimenti tal-mara jiddependu unikament mill-mezzi tar-raġel u l-kondizzjoni soċjali tiegħu, u mhux mill-mezzi tal-mara (Vol. XXIX. ii. 351).

Illi l-konvenut jissottometti wkoll li ndirettament hu

qiegħed jagħti alimenti lill-attriċi, fis-sens li dak li hi qegħda ddaħħal jew tirċevi, kif indikat iżjed il-fuq, fil-fatt huwa tiegħu bħala kap tal-komunjoni u *amministratur* tal-beni ta' martu, u dan hu qiegħed iħalliha tieħdu hi mingħajr ma jagħmlilha opposizzjoni; *kif ukoll li* skond prinċipju adottat mill-Qrati tagħna, ir-regola *li l-alimenti li* r-raġel għandu jagħti lil martu huma rego*lati mħux* mill-bżonn tal-mara u l-*mezzi tar-raġel imma mill-mezzi u mill-istat soċjali tar-raġel* għandha tissubixxi *temperament* fil-miżura tal-alimenti meta, *bħal fil-każ taħt konsiderazzjoni, il-konjuġi jkunu* separati 'de *facto*' u l-*mara t*kun qegħda taqla' jew iddaħħal flus. Fil-fe*hma ta' dina* l-Qorti lanqas din is-sottomissjoni ma hija sosten*ibili*. Huwa veru li l-Qrati tagħna adottaw il-pirnċipju, affermat mill-ġurisprudenza taljana, imsemmi mill-konvenut (Vol. XXIX. ii. 351; XXXVII. i. 363); pero l-istess prinċipju ma japplikax għall-każ taħt konsiderazzjoni, għaliex l-istess prinċipju japplika fil-każ ta' mara separata mir-raġel "per mutuo consenso" (Fadda, commento all'art. 132 para. 151 — 154); mentri f'dan il-każ ma teżistix separazzjoni 'de facto' bejn il-kontendenti b'kunsens reċiproku: l-attriċi trid tmur tgħix ma' żewġha kull fejn irid hu; huwa l-konvenut li ma jridx jgħix ma l-attriċi martu. Mhux ġust u raġonevoli li r-raġel, li kapriċċjożament ma jridx jgħix ma' martu, jippretendi li jmantniha b'dak li hi tipperċepixxi mill-proprjetà jew mill-qliegħ tagħha jew biss b'ċerta miżura mill-proventi tiegħu.

Illi hija liġi espressa li r-raġel għandu *d-dmir*, fost oħrajn, li jilqa' l-martu f'daru u li jmantniha skond il-mezzi u l-kondizzjoni tiegħu (art. 3 (2) Kak. 23). Skond id-dokument minnu eżibit. u konfermat bil-ġurament il-konvenut mill-beni immmobili u kapitali *għandu* r-renta ta' ħames mija u tmienja u tlettin *lira* (£538) fis-sena. Skond ma hu xehed. ma' din is-somma trid *tiżdied* dik ta' sebgħa u għoxrin lira u għaxar xelini (£27.10s. 0d.), ċioe disgħa *liri* u għaxar

xelini (£9.10s.0d.) fis-sena għall-postijiet tiegħu li jinsabu okkupati minn uliedu bla ma jħallsu kera, u għoxrin lira (£20) għall-garage; trid tittieħed ukoll konsiderazzjoni, almenu dwar l-imgħax, tal-flus li daħħal mingħand uliedu talli wellielhom xi karrozzi, tat-tmien mitt lira (£800) li għad għandu *jieħu mingħand Bonaventura Grima, tal-flus li hu* semma fid-deposizzjoni mogħtija fit-28 ta' Jannar, 1960, taddisa' mitt lira (£900) li kellu jieħu mingħand Paolo Borg u li attwalment għandu jeħodhom mingħand uliedu, tal-elf u ħames mitt lira (£1500) u tad-disgħa mitt lira (£900) li *ta lil uliedu wara li żżewweġ* lill-attriċi, u tal-elfejn lira u tmientax il-xelin (£2081.18.0) li rtira mill-Barclays' Bank wara l-istess okkażżjoni: u jingħad "almenu dwar l-imgħax", għaliex huwa risaput li r-regola tal-art. 27 tal-Kodiċi Ċivili hija applikabbili biss a rigward tal-persuni kontemplati fissub titolu II tat-Titolu I ta' l-istess Kodiċi u mhux għall-kon *ġuġi bejniethom, billi d-drittijiet u l-obbligi ta' dawn huma* regolati mid-disposizzjonijiet fis-sub titolu I ta' l-istess Titolu (Vol. IX 598).

Illi għalhekk jidher li l-konvenut għandu jissominístra lill-attriċi pensjoni alimentarja, u l-istess għandha tkun kif ser jissemma.

Rat in-nota tal-konvenut li biha appella minn dik issentenza u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li tiġi revokata u t-talba ta' l-attriċi tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha.

Rat ir-risposta ta' l-attriċi li qalet illi s-sentenza appellata hi ġusta u timmerita konferma bl-ispejjeż ta' din l-istanza wkoll kontra l-konvenut.

Semgħet il-provi, rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat:

Il-fatti ma jidhrux kontestati ċioe ma jidherx kontestat illi kien l-appellant li abbanduna lill-appellata dik inhar stess tat-tieġ u illi hu rrifjuta li jgħix magħha. Nonostante li hi kienet disposta li tmur tgħix miegħu fejn jagħżel hu. Anqas jidher *kontestat mill-appellant illi, f'dawn iċ-ċirkostanzi jissussisti* l-obbligu tiegħu skond il-liġi li jmantni lill-appellata.

Dak li l-appellant jippretendi hu illi hu ġa qiegħed filfatt jissoddisfa dak l-obbligu billi jħalli lill-appellata tam*ministra hi* stess il-beni parafernali tagħha li l-frutti tagħhom jaqgħu fil-komunjoni ta' l-akkwisti u li żżomm għaliha u dgawdi dawk il-frutti li legalment huma tiegħu bħala kap ta' dik il-kommunjoni. Fil-fehma ta' l-appellant, minn dawk il-frutti li l-appellata qiegħda ddaħħal, anki wara li jinqatgħu l-isborżi li hi tagħmel għall-uliedha mill-ewwel żwieġ u *spejjeż oħra leġittimi*, jibqgħalha biżżejjed biex *tmantni* ruħha deċentement.

L-ewwel Onorabbli Qorti ma aċċettatx din id-deduzzjoni għaliex irriteniet illi "sa kemm ma jkunx hemm ċirkostanzi oħra, bħal kawża ta' separazzjoni personali, l-alimenti talmara jiddependu unikament mill-mezzi tar-raġel u l-kondizzjoni soċjali tiegħu u mhux mill-mezzi tal-mara, ċioe indipendentiment mill-mezz tal-mara".

Fil-fehma ta' din il-Qorti u bir-rispett kollu, il-kwistjoni posta f'termini simili tinvolvi xi ftit ta' *ekwivoki. M'hemmx* dubbju ċertament illi skond l-art. 3 (2) tal-Kodiċi Ċivili rraġel hu obbligat imantni lill-martu skond il-mezzi u l-kondizzjoni tiegħu. Kif sewwa wkoll irrilevat l-ewwel Onorabbli Qorti dan l-obligu ta' l-appellant ma hu bl-ebda mod modifikat jew imnaqqas bil-fatt tas-separazzjoni 'di fatto' bejnu u bejn l-appellata, indotta unikament mill-abbandun arbitrarju tiegħu. Il-ġurisprudenza taljana ċitata fis-sentenza

Vol. XXIX, II, 351 tirriferixxi għal każijiet ta' separazzjoni legali bil-kunsens reċiproku, ċioe separazzjoni **legali** bonarja.

Iżda fis-sistema tal-kommunjoni ta' l-akkwisti, kif dixxiplinat fil-liġi tagħna, il-frutti tal-beni partikolari ta' kull wieħed mill-miżżewġin, salvi eċċezzjonijiet li ma jinteressawx il-każ preżenti, jaqgħu fil-kommunjoni ta' l-akkwisti u kap ta' din hu r-raġel (art. 1365 u 1362 Kod. Ċiv.). Minn dan isegwi, fil-fehma tal-Qorti, illi l-frutti tal-beni parafernali ta' l-appellata jidħlu fil-kommunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejnha u l-appellant u għandhom jitqiesu legalment bħala ta' l-appellant **qua** kap ta' dik il-kommunjoni, u in kwantu hu qed iħalli lill-appellata tipperċepixxi hi minfisha dawk il-frutti u tużahom u jitqies illi 'pro tanto' hu qed jadempixxi l-obbligu tiegħu li jmantnieha b'mezzi **tiegħu**. Il-kwistjoni hi jekk huwa huwiex b'dak il-mod qiegħed jadempixxi dak l-obbligu tiegħu fil-miżura kollha mposta mil-liġi.

Biex wieħed jirrispondi għal dik id-domanda l-Qorti jidhrilha illi l-metodu korrett li għandu jiġi adoperat huwa li l-imsemmija frutti issa perċepiti mill-appellata imma li, kif intqal, jidħlu fil-kommunjoni ta' l-akkwisti jiġu kumulati mal-beni l-oħra ta' l-appellant u fuq il-bażi ta' dan it-total (li hu t-total **tal-mezzi** li jistgħu jissejħu legalment **ta' l-appellant**) isir il-kalkolu ta' l-alimenti li għandhom jitħallsu lill-appellata.

L-ammont tal-frutti perċipiti mill-appellata minn beni tagħha ġie kalkolat mill-ewwel Onorabbli Qorti għal erba' mija u erba' u tlettin lira (£434) fis-sena u dan il-kalkolu hu aċċettat mill-appellant fil-petizzjoni ta' l-appell. Hu diffiċili fl-istat tal-provi da parti ta' l-appellant li jiġi preċiżat sewwa l-ammont tad-dħul illi hu stess jipperċepixxi minn

beni *tiegħu*. Iżda la fil-petizzjoni ta' l-appell u anqas fit-trattazzjoni orali ma saret ebda kritika għal dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ġew elenkati l-inkassi li għalihom hu ntitolat l-appellant.

Il-Qorti jidhrilha illi fuq ammont ta' mezzi simili, trattandosi ta' raġel illi ma jirriżultax li għandu obbligazzjonijiet legali oħra versu ħaddieħor għall-alimenti u meħuda in konsiderazzjoni tal-kondizzjoni tiegħu bħala benestant, ir-rata ta' alimenti lill-martu ma' għandiex tkun anqas minn lir u sbatax il-xelin (£1.17.0.) kuljum.

F'dan il-kalkolu qed jittieħed kont anki tal-bżonn li l-appellata għandha li tgħin lill-bintha mill-ewwel żwieġ li għadha tgħix magħha billi tħallasha ta' l-assistenza li tipprestalha u li tgħin xi ftit ukoll lill-binha li għalkemm issa sar saċerdot għadu però jistudja l-Università:—

Għal dak l-ammont ta' lira u sbatax il-xelin (£1.17.0) kuljum għandu jiġi mputat l-ammont ta' approssimativament lira, tlett xelini u sitt soldi (£1.3.6) kuljum li l-appellata qiegħda tiġi mħollija ġa tipperċepixxi mill-beni tagħha kif intqal fuq u kwindi, sa kemm hi tibqa tipperċepixxi dawk il-frutti, l-ammont li għandu jkomplilha l-appellant għandu jkun ta' tlettax il-xelin u sitt soldi (13/6) kuljum. Għalhekk l-*ammont* li għalih l-appellant ġie kundannat mill-ewwel Onorabbli Qorti għandu jkun konfermat.

Kif jidher mill-verbal fol. 163 l-appellant irrikonoxxa u ammetta illi d-dispożittiv tas-sentenza appellata għandu jiftihem fis-sens illi r-retta alimentarja stabbilita mill-Qorti għandha tkun in aġġunta għar-renti tal-beni ta' l-appellata li hija qiegħda tinkassa hi stess.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddisponi mill-appell billi tikkonferma s-sentenza appellata fis-sens illi s-supplement *tal-pensjoni alimentarja li l-appellant għandu jħallas* lill-attriċi (ċioe in aġġunta mal-frutti tal-beni parafernali tagħha li hi qiegħda tipperċepixxi) għandu jkun ta' tlettax il-xelin u sitt soldi (13/6) kuljum, pagabbli fiż-żmien u bil-mod stabbilit f'dik is-sentenza. L-ispejjeż ta' prim'istanza jibqgħu kif regolati mill-ewwel Onorabbli Qorti: dawk ta' l-appell jitħallsu mill-appellant.